MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Ġunju, 2017

Rikors Maħluf Numru 551/15LM

**Gunther Micallef Decesare (K.I. 208569M)**

***vs.***

**Expo Events Limited (C- 63751)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-attur **Gunther Micallef Decesare** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), fit-8 ta' Ġunju, 2015, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponent kien impjegat fuq bażi 'full-time' mas-soċjetà intimata bħala 'Events Coordinator' skond kuntratt ta' servizz datat 16 ta' Jannar, 2014 (hawn anness u*

*immarkat Dok 'GMD1'*[1]*), liema impieg ġie itterminat mis-soċjetà intimata nhar l-25 ta' Awwissu, 2014 b'effett mill-5 ta' Settembru, 2014 (ittra ta' terminazzjoni annessa u immarkata Dok. 'GMD2'*[2]*;*

2. *Illi skont il-kuntratt ta' servizz suriferit, l-esponenti kien intitolat għal salarju bażiku nett ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800) fix-xahar, u kif ukoll għal kummissjoni fuq "net value on turnover related to floor space (excluding any VAT or Government imposed sales taxes) on il-Fiera l-Kbira as follows: €0 - €100,000 at 2.5%; €100,000 - €199,999 at 3.75%; €200,000 + at 5%", liema kummissjoni kellha titħallas wara tmiem tal-Fiera, u ċioè, f'Lulju tas-sena 2014*[3]*;*

3. *Illi sa dakinhar tat-terminazzjoni tal-impieg tiegħu mas-soċjetà intimata "in-net value or turnover related to floor space (excluding any VAT or Government imposed sales taxes) on il-Fiera l-Kbira" kien ta' mitejn sitta u sebgħin elf, disgħa u ħamsin Euro u hmistax-il ċenteżmu (€276,059.15);*

4. *Illi t-total tal-kummissjoni dovuta mis-soċjetà intimata lil esponent skont il-kuntratt ta' servizz jammonta għal ħdax-il elf, tmien mija u tnejn u sittin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€11,862.54) liema somma tinkludi it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT);*

*<u>Raġuni tat-Talba:-</u>*

5. *Illi minkejja li s-soċjetà intimata ġiet interpellata diversi drabi mir-rikorrenti sabiex tersaq għal ħlas tal-kummissjoni dovuta lilu skont l-imsemmi kuntratt ta' servizz hija baqgħet inadempjenti;*

*<u>Talbiet:-</u>*

*Għaldaqstant in vista tal-premess ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, previa li tagħti kull dikjarazzjoni neċessarja:-*

1. *Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' ħdax-il elf, tmien mija u tnejn u sittin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€11,862.54), jew dik is-somma verjuri li tista' tiġi hekk dikjarata mill-Qorti;*

---

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.

[2] *A fol.* 7 tal-proċess. Ir-raġuni għat-tkeċċija li ngħatat kienet: *"This decision was based on failure to meet the financial and sales targets aspect of our original agreement."*

[3] *Vide* artikolu 2, para. 6.2 tal-kuntratt *a fol.* 5 tal-proċess.

2. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħdax-il elf, tmien mija u tnejn u sittin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€11,862.54), jew dik is-somma verjuri li tista' tiġi hekk dikjarata mill-Qorti;*

*Bl-ispejjeż, u bl-imgħax kummerċjali mill-aħħar ta' Lulju 2014 sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Expo Events Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Settembru, 2015 u maħlufa minn Luke Gatt kif debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

1. *Illi fl-ewwel lok it-talba tar-rikorrenti hija intempestiva in kwantu l-allegata skrittura datata 16 ta' Jannar, 2014 li għaliha issir referenza fil-premessi tal-istess kawża tikkostitwixxi biss abbozz ta' skrittura aktar ampja li kellha tiġi iffirmata sussegwentement għal tali abbozz u dana kif jinsab d'altronde espressament provdut fl-istess abbozz datata 16 ta' Jannar, 2014, liema skrittura baqgħet qatt ma ġiet sottoskritta bejn il-partijiet.*

2. *Illi fit-tieni lok tali abbozz lanqas ma jista' jservi ai fini ta' eżekuzzjoni tal-istess stante li huwa soġġett għall-kundizzjoni sospensiva li teħtieġ li "A full employment contract shall be presented by Wednesday, 22nd January, 2014" liema kuntratt ma ġiex iffirmat mill-partijiet esklussivament minħabba inadempjenza da parti tal-istess attur u għal raġunijiet li għalihom jaħti esklussivament l-istess attur.*

3. *Illi fi kwalunkwe każ is-soċjetà esponenti m'għandha tagħti xejn lill-attur u dan għaliex l-istess attur ma laħaqx il-miri ta' xogħol maqbula bejn il-partijiet. Se mai huwa l-istess attur li għandu jagħti lill-esponenti somma ta' flus rappreżentanti kumpens għad-danni kollha minnhom sofferti bħala konsegwenza tal-aġir tal-istess attur kif imfisser u mitlub permezz ta' ittra uffiċjali hawn kontestwalment ippreżentata u fir-rigward ta' liema kumpens l-esponenti qiegħda minn issa tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha.*

4. *Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u kwindi għalhekk ukoll is-soċjetà esponenti m'għandha tagħti xejn lill-attur imma se mai huwa l-istess attur li għandu jagħti lill-esponenti somma ta' flus rappreżentanti kumpens għad-danni kollha minnhom sofferti bħala konsegwenza tal-aġir tal-istess attur kif imfisser u mitlub permezz ta' ittra uffiċjali hawn kontestwalment*

*preżentata u fir-rigward ta' liema kumpens l-esponenti qiegħda minn issa tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha.*

5. *Illi l-eċċezzjonijiet surreferit qegħdin jiġu mressqin ilkoll mingħajr ebda preġudizzju għal xulxin.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjeż kontra l-istess attur.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li jinsabu esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' April, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur qiegħed jitlob illi s-soċjetà konvenuta tħallsu l-kummissjonijiet dovuti lilu skont ftehim datat 16 ta' Jannar, 2014. L-attur flimkien ma' Eric Bartoli, li kellu ftehim identiku mas-soċjetà konvenuta bħal tal-attur, kienu ġew impjegati mis-soċjetà konvenuta biex ibiegħu lill-eżebituri l-*floor space* fil-Fiera l-Kbira f'Montekristo Estates immexxija mis-soċjetà MKIC Limited li

kienet inkarigat lis-soċjetà konvenuta biex torganizza din il-fiera fl-2014. L-attur isostni li abbażi tal-perċentwali stipulati u skalati fl-imsemmi ftehim, is-somma dovuta lilu hija ta' €11,862.54 jew dik is-somma verjuri li tiġi hekk dikjarata mill-Qorti.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta teċċepixxi li l-iskrittura li qiegħed jagħmel riferiment għaliha l-attur kienet biss abbozz u għalhekk il-kawża hi intempestiva. Is-soċjetà konvenuta issostni wkoll illi l-imsemmija skrittura fiha kundizzjoni sospensiva li kellu jsir kuntratt ta' impjieg sħiħ sa ċerta data, li effettivament qatt ma sar. Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi wkoll li l-ebda ammont ma hu dovut minnha lill-attur għax dan ma laħaqx il-miri stabbiliti ta' xogħol maqbula bejn il-partijiet u barraminhekk issostni wkoll li l-attur irreka danni lis-soċjetà konvenuta bl-aġir tiegħu.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

L-attur **Gunther Micallef Decesare** flimkien mar-Rikors Maħluf tiegħu ippreżenta l-kuntratt tax-xogħol li kellu mas-soċjetà konvenuta[4], bis-siltiet minn dan il-kuntratt rilevanti għall-kawża odjerna li kienu jgħidu:

> *"1.1 By virtue of this agreement, the Company appoints and employs the employee who accepts, in the position of Events Coordinator, on a full-time basis with the benefits described in hereunder.*

[4] *A fol.* 5 tal-proċess.

*1.2 It has been agreed by both parties that this is only a draft contract promising employment and a full employment contract shall be presented by Wednesday 22nd January 2014.*

*2. Salary and Conditions of Employment*

*6.1*[5] *......*

*6.2 The Employee shall be entitled to a commission scale on net value on turnover related to floor space (excluding any Vat or Government imposed sales taxes) on the Fiera l-Kbira as follows:*

*€0 - €100,000 at 2.5%*

*€100,000 - €199,999 at 3.75%*

*€200,000 + at 5%*

*Commissions on other events are to be at the rate of 2.5%. Where commissions are due, these are to be paid in full at the end of every event/function. NI contributions and taxation are to be discussed further.*

*6.3 ....*

*6.6 The Employee shall be entitled to annual leave, sick, injury & other leave in accordance with the applicable laws & regulations."*

L-attur ippreżenta wkoll l-ittra tat-tkeċċija tiegħu minn mas-soċjeta konvenuta datata 25 ta' Awwissu, 2014[6], iffirmata mid-direttur tal-kumpanija Luke Gatt, li tgħid li d-deċiżjoni biex l-attur jitkeċċa kienet ittieħdet unanimament mill-*partners* tas-soċjetà konvenuta minħabba li ma kienx leħaq *"the financial and sales targets aspect of our original agreement"* u tah *notice period* ta' ġimgħatejn skont il-liġi. Luke Gatt talab lill-attur biex f'dan il-perjodu ta' *notice* jieqaf jikkorrispondi mal-klijenti tas-soċjetà konvenuta u jagħmel *"a proper*

[5] Dan il-kuntratt essenzjalment kellu żewġ klawsoli, 1 u 2, imma s-sub-klawsoli tal-klawsola 2 ta' dan il-kuntatt huma għal xi raġuni innumerati 6.1 sa 6.6.

[6] *A fol.* 7 tal-proċess.

*handover"* tax-xogħol li kien għamel u tax-xogħol li kien għadu qed jagħmel. L-attur esebixxa ukoll l-FS3s[7] tiegħu li kienet għaddietlu s-soċjetà konvenuta għall-użu mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, rigwardanti l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta.

Fl-affidavit tiegħu[8] l-attur spjega li qabel kien jaħdem flimkien ma' Eric Bartoli ma' Network Publications fuq it-tħejjija ta' avvenimenti. Eric Bartoli kien ġie imħajjar jidħol jaħdem mas-soċjetà konvenuta minn ċertu Ruben Caruana biex iħejji avveniment f'Montekristo Estates u Eric Bartoli min-naħa tiegħu kien talab li jidħol miegħu l-attur biex jgħinu. Il-kuntratt ta' impjieg li ġie eżebit mill-attur u kuntratt ieħor identiku li kellu Eric Bartoli, kienu saru biex huma jkunu jistgħu jirriżenjaw mix-xogħol tagħhom u jibdew bil-proġett tal-Fiera l-Kbira li kienet sejra ssir għall-ewwel darba f'Montekristo Estates, imma dan ma kienx il-kuntratt finali. L-attur jgħid li l-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt tiegħu kienu ġew innegozjati għalih minn Eric Bartoli, però waqt l-iffirmar ta' dan il-kuntratt, Luke Gatt li deher fuq il-kuntratt għas-soċjetà konvenuta, kien aċċertahom li l-*commissions* kellhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-attur u bejn Bartoli, peress li Eric Bartoli kellu wkoll l-istess rati ta' *commissions* bħal tiegħu.

L-attur jgħid li hu u Eric Bartoli ħadmu minn Jannar 2014 sa tmiem il-fiera f'Lulju ta' dik is-sena għal ħinijiet twal, u darba kull ġimgħa kien ikollhom laqgħat ma' Reuben Caruana u Luke Gatt flimkien ma' Pierre Fenech, il-*general manager* ta' MKIC Limited[9], li kienet kumpanija bi sħab bejn Montekristo Estates u Island Caterers Limited, dwar l-andament tal-bejgħ ta'

[7] *A fol.* 101 tal-proċess.
[8] *A fol.* 33 u 34 tal-proċess.
[9] Kumpannija bi sħab bejn Montekristo Estates Limited u Island Caterers Limited

*floor space* lill-eżebituri għal din il-fiera u affarijiet oħrajn. Gunther Micallef Decesare jgħid li mhux biss biegħu l-*floor space* tal-fiera kollha, imma MKIC Limited saħansitra żiedet il-*floor space* biex jakkomodaw aktar eżebituri. Dan kien prinċipalment ir-riżultat tax-xogħol tiegħu u ta' Eric Bartoli. Minkejja dan, l-attur jgħid li Ruben Caruana u Luke Gatt riedu jeħilsu minnu bl-iskuża li ma kienx leħaq is-*sales targets* u ma riedux iħallsuh tal-kummissjonijiet dovuti lilu.

Fir-Rikors Maħluf tiegħu l-attur jgħid li abbażi tal-*commissions* miftehma fil-kuntratt tas-16 ta' Jannar, 2014 u l-valur tal-bejgħ ta' *floor space* mibjugħ minnu u minn Eric Bartoli lill-eżebituri, li jaf li kien tħallas sa dak iż-żmien u kien jammonta (eskluż il-VAT) għal €276,059.15, il-kummissjoni dovuta lilu kienet ta' **€11,862.54** (ċjoè €10,053 + 18% VAT). Micallef Decesare jgħid li f'Awwissu, 2014, qabel it-tkeċċija tiegħu minn mas-soċjetà konvenuta, Luke Gatt kien offrielu impjieg ieħor b'paga bażika inqas milli kellu, iżda bi prospett ta' dħul akbar minn kummissjonijiet u kienu sarulu xi offerti oħrajn, iżda ma aċċettax ebda offerta qabel ma jitħallas l-ammont kollu ta' kummissjonijiet dovuta lilu għall-Fiera l-Kbira. Sussegwentement irċieva l-ittra tat-tkeċċija u ta *handover* lil Luke Gatt u irritorna l-*laptop* tal-kumpanija. Meta reġa' staqsa għall-kummissjoni dovuta lilu u informa lil Luke Gatt li altrimenti kien se jipproċedi ġudizzjarjament kontra s-soċjetà konvenuta, Luke Gatt allega li l-attur ma kienx tah id-dokumentazzjoni kollha. Iżda l-attur jinnega dan u jgħid li kien ħalla d-dokumentazzjoni kollha l-uffiċċju minħabba li meta tkeċċa hu, Eric Bartoli kien għadu impjegat hemmhekk.

L-attur eżebixxa *workings* li kienu għamlu hu u Eric Bartoli[10] dwar l-ammont totali ta' bejgħ u dħul ta' flus mill-eżebituri tal-Fiera l-Kbira f'Montekristo Estates tal-2014, li juru bejgħ ta' €338,510. Però meta tnaqqas minnhom *discounts* offruti lill-eżebituri fl-ammont totali ta' €18,533, żewġ *sales* li ma immaterjalizzawx (€24,186) u l-ammont li sa meta telaq hu kien għadu ma tħallas minn erba' eżebituri (€19,731.85), kien jammonta għal dħul ta' €276,059.15 li fuqu inħadem l-ammont ta' kummissjonijiet dovut lilu.

L-attur ikkonferma li bħala parti mix-xogħol tiegħu u ta' Eric Bartoli, huma kien jgħaddu lill-eżebituri l-kuntratt u jiġbruh lura iffirmat flimkien mal-ħlas ta' depożitu. Finalment kienu jiġbru mingħand l-eżibituri l-ħlas bilanċjali dovut u kienu jgħaddu l-kuntratt lis-soċjetà MKIC Limited għall-firma tar-rappreżentanti tagħha u kienu jżommu kopji ta' dawn il-kuntratti. Micallef Decesare reġa' spjega għal darba darbtejn kif inħadem l-ammont tal-kummissjoni skont il-kuntratti identiċi li kellhom hu u Bartoli minn fejn jirriżulta li ma kien hemm ebda kundizzjoni li biex jitħallsu l-kummissjoni l-attur u Eric Bartoli kellhom jilħqu xi kwota partikolari ta' flus miġbura.

L-attur jikkonferma li kwantu għal ħlas dovut minn xi kumpaniji li kien għadu ma ġiex imħallas u li għalhekk ma ġietx ikkalkulata kummissjoni fuqhom, kienu skont hu, eventwalment tħallsu u dan għax kien ivverifika ma' dawn il-kumpaniji. Però jammetti li ma kienx ivverifika dan mad-destinatarju ta' dawn il-pagamenti u ċjoè ma' MKIC Limited.

[10] *A fol.* 63. Dan id-dokument reġa' ġie eżebit *a fol.* 111, iżda l-ammont totali ta' kummissjonijiet li inħadem fuq it-total dovut kemm lill-attur u kemm lil Eric Bartoli skont il-kuntratti rispettivi tagħhom, fis-somma ta' €20,106, ġie fl-aħħar dokument imbagħad diviż bin-nofs, bħala dovut nofs kull wieħed l-ammont ta' €10,053 qabel il-VAT.

In kontro-eżami[11] Gunther Micallef Decesare jgħid li Luke Gatt baqa' ma bagħtlux abbozz tal-kuntratt finali jew qallu biex jiffirmaw kuntratt finali, u dan minkejja li skont il-ftehim iffirmat fis-16 ta' Jannar, 2014 kellu jsir kuntratt finali. L-attur jikkonferma li darba Eric Bartoli għaddielu kopja ta' *draft* mibgħutha minn Luke Gatt lil Eric Bartoli, imma Luke Gatt qatt ma kellem lilu dwar dan il-kuntratt. L-attur jgħid illi hu kemm -il darba kien fakkar lil Luke Gatt biex jara meta kellhom jagħmlu l-kuntratt finali.

L-attur jgħid li tul il-fiera qatt ma kien hemm diskors minn Luke Gatt dwar xi *targets* li kull wieħed minnhom (hu u Eric Bartoli) kellhom jilħqu individwalment biex tkun tista' tingħatalhom il-kummissjoni skont il-kuntratti li kellhom. Micallef Decesare jgħid li hu u Eric Bartoli kienu jaqsmu x-xogħol bejniethom, però irrispettivament minn kemm iġib eżebituri kull wieħed minnhom, il-kummissjonijiet kellhom jitħallsu lit-tnejn li huma nofs bin-nofs skont ir-rati identiċi stipulati fil-kuntratti tagħhom:

> "Aħna konna naraw ix-xogħol bħala *one whole work.* Jekk jidħol klijent u Eric kellu nies oħrajn, jien kont nagħti servizz lill-klijent. Irrilevanti min daħħal lill-klijent fl-istabbiliment, min biegħ *event"*.[12]

Micallef Decesare jikkonferma però li darba kien ġie Luke Gatt għandhom u beda jimla l-i*spreadsheet*[13] tal-lista ta' eżebituri li kellhom, bl-ammonti imħallsa bil-marka 'E' għal Eric Bartoli u bl-ittra 'G' għall-attur, wara li staqsihom minn kien li attwalment daħħal kull wieħed mill-eżebituri. Din l-i*spreadsheet* kienet oriġinarjament saret minnu u minn Eric Bartoli biex jikkalkulaw il-kummissjonijiet tagħhom.

---

[11] *A fol.* 97 sa 99A, 133 sa 147 u 152 sa 15.
[12] *A fol.* 136 tal-proċess.
[13] *A fol.* 156 sa 160 tal-proċess.

Dwar id-*discounts* li huma kienu jagħtu, l-attur jgħid li dawn kienu dejjem jiġu approvati minn Eric Bartoli li kellu ferm aktar esperjenza f'dan il-qasam u dan bdew jagħmluh mill-bidu u la Reuben Caruana u lanqas Luke Gatt ma qatt oġġezzjonaw għal dan, anzi kienu jħallu fid-diskrezzjoni tagħhom.

Meta ġie mistoqsi jekk effettivament hu u Bartoli kellhomx jilħqu *sales target* ta' €320,000, l-attur jinnega dan kategorikament u jgħid li Pierre Fenech tal-MKIC Limited, f'waħda mil-laqgħat li kellhom, meta bdew jiżdiedu l-eżebituri, kien qal li ser jilħqu €300,000, iżda mhux fil-kuntest ta' kummissjonijiet. L-attur innega li wara din il-laqgħa kien hemm xi ftehim ma' Luke Gatt li kellhom kull wieħed minnhom individwalment jilħaq mill-inqas 40 fil-mija tal-imsemmi ammont ta' €320,000. Mistoqsi wkoll jekk Luke Gatt kienx qatt offrielu li jħallsu kummissjoni ta' €5,000, bil-patt li jirritornalu l-kopji tal-kuntratti kollha, l-attur jgħid li l-ammont li offrielu Luke Gatt kien ta' €6,000 imma huwa ma kienx aċċetta dik il-proposta peress li hu ma kien żamm ebda kuntratti għandu tant li dawn kien ħallihom l-uffiċċju meta tkeċċa, liema uffiċċju kellu aċċess għalih Luke Gatt u l-kumpanija MKIC Limited dejjem kellha l-oriġinal ta' dawn il-kuntratti.

Xehed ukoll **Eric Bartoli**[14] li jikkonferma l-verżjoni li ta l-attur. Dan ix-xhud jgħid kif kien avviċinah Rueben Caruana biex jidħol jaħdem mas-soċjetà konvenuta u li kien hu stess li nsista li jdaħħal miegħu ukoll lill-attur. Ix-xhud jirrakkonta inoltre kif kienu avviċinawh Ruben Caruana u Luke Gatt wara li kienet spiċċat il-fiera u qalulu li kienu ser ikeċċu lill-attur għax ma kienx leħaq it-*targets.* Eric Bartoli jgħid illi għall-ewwel ma qal xejn lill-attur dwar dan għax ipprova jaqbeż għalih, iżda meta qal lil Caruana u lil Gatt li l-*floor space* mhux

[14] *A fol.* 27 sa 29 tal-proċess.

biss kienet mibjugħa kollha imma kellhom ikabbru l-*floor space*[15], dawn sostnew li Eric Bartoli kien ġab 70% tal-eżebituri filwaqt l-attur ġab biss 30%. Però dan jinnegah ix-xhud stess li stqarr li hu kien jaħdem bħala *team* mal-attur u li żgur li l-perċentwali kollu ma kienx ser jintleħaq waħdu. Bartoli jgħid li allura kien ipprova jieħu parti mill-kummissjoni tal-attur hu, ċjoè dik il-parti tas-*sales* li skont Caruana u Gatt kien għamilha hu u mhux l-attur, u wara kien beħsiebu jgħaddiha lill-attur, però dawn lanqas il-parti tal-kummissjoni li kienet tispetta lilu ma kienu għaddewlu. Kien biss meta sabu ruħhom daharhom mal-ħajt u staqsewh biex jgħinhom rigward *events* oħrajn, li s-soċjetà konvenuta iddeċidiet li tħallsu sehmu, ċjoè in-nofs tat-total (50%) tal-kummissjoni u mhux għas-70% tas-*sales* li għamel hu, skont il-kuntratt tas-16 ta' Jannar, 2014 fl-ammont ta' €11,880.24.[16] Iżda l-għada Eric Bartoli ta r-riżenja tiegħu għax ma baqax jafdahom lil Gatt u lil Caruana.

Ix-xhud Eric Bartoli spjega[17] kif hu u l-attur kienu l-uniċi *salespersons* mas-soċjetà konvenuta u li r-rati tal-bejgħ tal-*floorspace* kienu stabbiliti mill-*management* tas-soċjetà konvenuta, ċjoè Luke Gatt u Reuben Caruana u dan bi ftehim ma' Pierre Fenech għas-soċjetà MKIC Limited. Il-*management* tas-soċjetà konvenuta kien tahom bħala rata minima bil-€50 kull metru kwadru li titla' għal xi €70 u r-rata medja kienet ta' xi €63 kull metru kwadru. Eric Bartoli jgħid illi huwa kien juża l-esperjenza tiegħu f'dan il-qasam biex jara kemm ser ibiegħ mill-*floor space* u kien anki japprova ir-rati li kien jagħti l-attur lill-klijenti, dejjem mhux inqas mir-rata minima. Ix-xhud ikkonferma li huma kienu jgħaddu lill-*accounts department* ta' MKIC Limited id-depożiti u ħlas li jirċievu mingħand l-eżebituri u kienu jżommu rendikont għas-soċjetà

---

[15] *A fol.* 31 ix-xhud eżebixxa pjanta bil-parti tal-*floor space* allokata lil kull eżebitur.
[16] *Cheque* tal-Bank of Valletta f'isem is-soċjetà konvenuta datata 27.08.2014 eżebit *a fol.* 32 tal-proċess.
[17] *A fol.* 53 sa 61 u 181 sa 187 tal-proċess.

konvenuta u kienu jiġbru wkoll il-kuntratti *standard* li jiffirmaw l-eżebituri u jgħadduhom lil MKIC Limited u kienu jżommu kopja tal-kuntratti u taċ-*cheques*. Eric Bartoli ikkonferma li hu u l-attur xogħolhom kien biss *sales* u mhux l-organizzazzjoni tal-fiera. Baraminhekk Bartoli ikkonferma li mis-*sales* li għamlu kienu ġabru €338,210 u wara li tneħħi ħlasijiet li baqgħu ma ġewx effettwati minn xi eżebituri, hu u l-attur kellhom jieħdu bejniethom €22,079 skont il-perċentwal tal-kummissjonijiet kif mifthema, u ikkonferma li ċ-*cheque* ta' €11,880 li irċieva mingħand is-soċjetà konvenuta, kien *pressapoco* nofs il-kalkolu li kienu għamlu hu u l-attur. Eric Bartoli ikkonferma[18] li meta telaq hu wara li kien tkeċċa l-attur, hu personalment għadda lil Luke Gatt kopja tal-kuntratti kollha tal-eżebituri f'erba' *files* u qabel għamel dan iċċekkja li kien hemm fihom il-kuntratti kollha. Apparti minnhekk kellha kopja tal-kuntratti Island Caterers Limited li hija parti minn MKIC Limited.

In kontro-eżami Eric Bartoli jikkonferma li ma kien hemm ebda *targets* li kellhom jilħqu biex hu u l-attur jieħdu l-kummissjoni. Dwar il-qliegħ li kien previst li tagħmel il-fiera, din ma kinitx xi ħaġa li kienu responsabbli għaliha hu u l-attur għax huma ma kienux parti mill-*management.* Ix-xhud jgħid li hu u l-attur biegħu l-*floor space* tal-fiera kollha bejn Jannar u Marzu 2014 u MKIC Limited kellhom jiftħu parti oħra minn Montekristo Estates biex idaħħlu aktar eżebituri tant kemm hu u l-attur ġabu eżebituri aktar milli kien mistenni. Eric Bartoli jgħid li l-ordnijiet li kellhom hu u l-attur kien ċari, peress li l-kuntratti u ċ-ċekkijiet tal-eżebituri kienu fuq isem MKIC Limited, u hu u l-attur kienu jgħaddu kollox lil MKIC Limited direttament. Eric Bartoli innega li qatt saru xi ċekkijiet fuq isem l-attur. Eric Bartoli ikkonferma li kien hemm żewġ eżebituri li

---

[18] *A fol.* 59 tal-proċess.

ma ħadux sehem fil-fiera minkejja li kienu ħallsu d-depożitu, però posthom xorta mtela' b'eżebituri oħrajn. Kien hemm erba' jew ħames esebituri li baqgħu ma ħallsux il-prezz kollu tal-*floor space* allokat lilhom. Ix-xhud ikkonferma li fil-kalkoli tal-kummissjonijiet li kienu intitolati għalihom ma jagħtux qies tal-eżebituri li ma ħallsux id-depożitu jew ta' dawk l-eżebituri li ma ħallsux għall-*floor space*.

Eric Bartoli jikkonferma li l-attur kien ħadem daqsu u kellu jieħu kummissjoni fuq l-ammont kollu għax kienu jaħdmu kollox flimkien u l-attur baqa' ma tħallasx sehmu bħalu.[19] Ix-xhud ikkonferma li l-ftehim biex jaqsmu l-kummissjoni ma kienx xi ftehim bejnu u bejn l-attur, iżda jirriżulta mill-kuntratti li kellhom mas-soċjetà konvenuta li kienu identiċi.

Ix-xhud Eric Bartoli spjega wkoll[20] li l-vera raġuni għalfejn hu kien tħallas il-*commission* tiegħu għall-Fiera l-Kbira u l-attur le, kienet li l-*event* li kien imiss kien il-*Weddings Fair* u Ruben Caruana u Luke Gatt kienu daharhom mal-ħajt u kien qalilhom li jew iħallsuh jew jitlaq u dawn kienu jafu li hu kien kapaċi imexxi din il-fiera waħdu u ma kellhomx bżonn aktar lill-attur. Innega li kien hemm *targets* meta ġie suġġerit lilu li hu kien tħallas għax leħaq it-*targets,* mentri l-attur ma leħaqx it-*targets*.

Xehed ukoll **Pierre Fenech**[21] li dak iż-żmien kien *general manager* ta' MKIC Limited, li jgħid li dwar il-fiera kien iżomm kuntatt ma' Luke Gatt li kien imexxi s-soċjetà konvenuta, però kellu wkoll kuntatt mal-attur u ma' Eric Bartolo. Ix-xhud ikkonferma li għal-laqgħat regolari bejniethom kien ikun hemm Eric

[19] *A fol.* 184.
[20] *A fol.* 185.
[21] *A fol.* 41 sa 48 tal-proċess.

Bartolo, Luke Gatt u konsulent tal-istess Luke Gatt, ċertu Ruben Caruana. Fenech ikkonferma li bħala *sales* ma kienx hemm problemi għax waslu biex biegħu l-*floor space* kollu, però bħala MKIC Limited dak li kien jinteressahom kienu l-profitti wara li jitnaqqsu l-ispejjeż u mill-*projections* li saru mis-soċjetà konvenuta, il-fiera kienet għamlet telf. Fir-rigward ta' dan it-telf ix-xhud Pierre Fenech ma jitfa' ebda tort fuq l-attur u fuq Bartoli, anzi jgħid li dawn qdew xogħolhom sew, biegħu l-ispazji kollha tal-fiera u għaddewlhom il-kuntratti u l-flus skont il-ftehim. Ix-xhud jgħid illi l-problema kienet illi s-soċjetà konvenuta, minkejja l-esperjenza tagħha, għamlitilhom telf fis-sens li għalkemm permezz tal-attur u ta' Eric Bartoli kien inbiegħ il-floor *space* kollu, l-ispejjeż li kien hemm biex tattrezza u topera l-i*stands* kien ogħla mill-introjtu. Pierre Fenech ikkonferma ukoll[22] li r-rati għall-*floor space* kienu ġew stabbiliti mal-*management* tas-soċjetà konvenuta bħala l-*consultants* ta' MKIC Limited.

In kontro-eżami Pierre Fenech[23] jispjega li l-ftehim mas-soċjetà konvenuta kien ġie xolt minħabba li MKIC Limited ukoll kienet qed ixxolji. Però kien hemm ukoll kwistjoni li t-*targets* tal-profitti stabbiliti mis-soċjetà konvenuta ma ntleħqux. Fenech ispjega li kien hemm ukoll *target* ta' *sales,* li dawn però kienu ntlaħqu.[24] Ix-xhud fil-fatt jgħid:

> "Li għamel it-telf minħabba esebituri ma ġewx, din nista' nikkonferma li *it's not the case* għax il-fiera, l-*area* fl-intier *(recte)* tagħha kienet mibjugħa.......*Yes,* aħna konna qabbadna l-kumpannija Expo biex tagħmel u turina ... biex nagħmlu din il-fiera. Tawna *projections* però il-*projections* tal-*cost* kienu, mhux qed ngħid tort tal-Expo jiġifieri, mhux

[22] *A fol.* 68 sa 70 tal-proċess.
[23] *A fol.* 176 sa 178 tal-proċess.
[24] *A fol.* 176 tal-proċess.

qed ngħid hekk imma *they went haywire*, kif jgħidu l-Ingliżi....Fir-rigward tad-dħul, *il-projections* kienu daħlu."[25]

**Stephanie Azzopardi**[26], li kienet *financial controller* ma' MKIC Limited, xehdet li l-attur u Eric Bartoli kienu jgħaddu l-flus mis-*sales* lill-*accounts department* ta' MKIC Limited u hi kienet tieħu ħsieb l-*accounting system.* Ix-xhud tikkonferma wkoll li Bartoli u Micallef Decesare kienu jgħaddulhom il-kuntratti tas-*sales* u li meta sabu li kellhom xi kuntratti neqsin, dawn ġabuhom mingħand Luke Gatt ta' EXPO[27] u spiċċaw ġabru l-kuntratti kollha. Ix-xhud tgħid ukoll illi bħala *financial controller* kienet tkun taf kemm bis-*sales,* kemm bid-*deposits* li jagħmlu l-esibituri u kemm bil-ħlasijiet finali. Ix-xhud ippreżentat ir-*report and financial statements* tal-*2014* ta' MKIC Limited[28] u dokument ieħor[29] *summary July 2014* ċjoè it-*turnover excluding VAT* u li jagħmel riferiment ukoll għat-total tal-ħlasijiet effettwati mill-eżebituri fis-somma ta' €328,123. Dan l-aħħar dokument jagħmel riferiment ukoll għad-*discounts* li ngħataw lill-eżebituri fis-somma ta' €26,444, kif ukoll għal *provision* għal ċerti ħlasijiet li ma kienux ċerti fis-somma ta' €25,199.[30] Hi qalet li s-soċjetà konvenuta u l-attur kienu aċċettaw dan l-ammont.

In kontro-eżami x-xhud Stephanie Azzopardi tgħid li ma tiftakarx li kien hemm ċekkijiet li kienu fuq isem l-attur, anzi tgħid illi biex jiddepositaw iċ-ċekkijiet riedu jkunu f'isem is-soċjetà MKIC Limited. Azzopardi ma tiftakarx li kien hemm xi kwistjoni dwar esebituri li suppost kienu *free of charge* iżda li xorta

---

[25] *A fol.* 177.
[26] *A fol.* 49 sa 51, 64 sa 67, 72 sa 76 u 179 u 180 tal-proċess.
[27] *A fol. 65*.
[28] *A fol.* 77 sa 93.
[29] *A fol.* 94
[30] Wara li mis-somma tas-sales totali (€328,123) jitnaqsu d-*discounts* (€26,444) u l-ħlasijiet li ma nġabrux (€25,199) jifdal is-somma ta' €276,480 li abbażi tagħha inħadmet il-*commission* dovuta lil Eric Bartoli wara li ġiet miżjuda 18% VAT. Min-naħa tiegħu l-attur ikkalkula s-*sales* wara li jitnaqqsu d-*discounts* u ħlasijiet li ma nġabrux fis-somma ta' €276,059.15.

ġew iċċarġjati. Ix-xhud tikkonkludi illi l-problema kienet li meta fl-aħħar għamlu l-kontijiet, ma kienux intleħqu l-miri ma' dak li kien *budgeted.*

**Luke Gatt**[31] jikkonferma li kien Eric Bartoli li kien qalilhom li kellu bżonn lill-attur jgħinu u għalhekk abbozzaw ftehim ta' malajr biex Bartoli u l-attur ikunu jistgħu jirriżenjaw mix-xogħol li kellhom dak iż-żmien u jibdew jaħdmu mal-ewwel fuq il-Fiera l-Kbira. Luke Gatt jistqarr li l-ftehim finali għaddieh lil Eric Bartoli xi ftit xhur wara. Ix-xhud jgħid li kemm l-attur u kemm Bartoli kienu iddiskutew dan il-ftehim finali u kienu għamlu emendi għalih bil-lapes, iżda għalkemm jgħid li għad għandu kopja tal-ftehim bin-notamenti tagħhom bil-lapes, il-kopja tal-kuntratt annessa mal-affidavit ma fiha ebda notamenti.[32] Luke Gatt eżebixxa l-ittra tar-riżenja ta' Eric Bartoli[33] u jgħid li r-raġuni għar-riżenja ta' Eric Bartoli kienet saħħtu kif tixhed l-istess ittra. Madankollu il-Qorti tirrileva għad illi fl-imsemmija ittra ta' riżenja Eric Bartoli jgħid li ma kienx jiflaħ għal aktar *stress* minħabba li kien ukoll l-isptar, issemmi wkoll speċifikatament il-problema tan-nuqqas ta' ħlas tal-kummissjoni lill-attur.

Luke Gatt jgħid li kien għamel *audit* biex jara kemm l-attur u Eric Bartoli kienu biegħu *floor space* f'termini monetarji, u qal li l-ftehim kien li bejniethom kellhom jilħqu bejgħ ta' €320,000, u jgħid li huwa ma kellux provi li leħquh dan it-*target* u jgħid ukoll li l-attur bejgħ biss €40,000 sa €50,000, u ċjoè aktar minn €100,000 inqas mit-*target* li kellu.

[31] *A fol.* 188 sa 122.
[32] *A fol.* 123 sa 129.
[33] *A fol.* 131.

Luke Gatt jgħid li mal-attur kellu diversi problemi peress li kien imur minn wara dahru u jagħti *discounts*, u jgħid ukoll li darba minnhom kien għadda *special pass* lil persuna kontra r-rieda tiegħu biex jidħol ġewwa l-*area* tal-fiera bil-karozza. Ix-xhud iwaħħal fl-attur li ma tahx il-kuntratti li kien talbu, li wassal skont ix-xhud għat-telf tal-kuntratt ma' Montekristo. Isemmi wkoll li kienet ilmentat miegħu Stephanie Azzopardi għax kienet qed tirċievi ċekkijiet f'isem l-attur. Luke Gatt jgħid ukoll li meta l-attur irritorna l-*laptop* li kienet ipprovdietlu s-soċjetà konvenuta, kien sab li dan kien ħassar id-*data* kollha minn fuqu u kellu jitlob l-għajnuna ta' espert tal-Qorti biex jirkupra d-*data*.

Ix-xhud **Reuben Caruana**[34] jgħid li kien il-persuna li ressaq lil Eric Bartoli ma' Luke Gatt u li kien jaf li Eric Bartoli jaħdem flimkien mal-attur u li għaldaqstant kien hu li laqqa' l-partijiet sabiex jaħdmu flimkien fuq il-Fiera l-Kbira. Ruben Caruana jgħid li għal dan l-iskop Luke Gatt kien ħoloq is-soċjetà konvenuta u kemm Eric Bartoli kif ukoll l-attur kienu ġew impjegati mas-soċjetà konvenuta sabiex iġibu klijenti għall-fiera. Caruana jikkonferma dak li qal Luke Gatt li kien hemm *target* li kellu jintlaħaq, ċjoè bejgħ ta' mill-anqas ta' €320,000 u bħala prova eżebixxa dak li sejjah rapport finanzjarju tal-attur u Eric Bartoli[35] qabel il-fiera li juri bejgħ konfermat ta' €358,233.99 u pagamenti miġbura ta' €334,056.89.

Ix-xhud Ruben Caruana jgħid li f'laqgħat li hu kien preżenti għalihom, sema' lil Luke Gatt jwiddeb lill-attur u lil Eric Bartoli biex jilħqu dan it-*target* u sabiex ma jaqbżux il-limitu tar-rwol tagħhom bħala impjegati tal-kumpannija. Caruana jgħid ukoll illi minn dawn il-laqgħat u minn korrispondenza li kien jiġi

[34] *A fol.* 165 sa 170 tal-proċess.
[35] *A fol.* 171 tal-proċess.

ikkupjat biha, kien sar jaf li Eric Bartoli u l-attur kienu qegħdin jieħdu deċiżjonijiet mingħajr ma jikkonsultaw ma' Luke Gatt bħala *employer* tagħhom u dan kemm fir-rigward ta' rati li kienu qegħdin jiġu maqbula mal-klijenti u anki dwar il-loġistika tal-fiera ukoll. Ruben Caruana jgħid li huwa kien jaf li Bartoli u Micallef Decesare kienu qegħdin jikkomunikaw direttament ma' Pierre Fenech u miegħu (Ruben Caruana) mingħajr ma jikkonsultaw lil Luke Gatt dwar dak li kien qed jiġi miftihem. Ruben Caruana jsemmi li hu kien ukoll kuntrattur f'xi xogħlijiet tal-*istands,* però darba minnhom l-attur minflok uża s-servizzi tiegħu, kien ġab lil tal-MFCC biex jipprovdu *panels* għal xi *stand.* Ix-xhud Ruben Caruana jgħid li illum il-ġurnata Bartoli u Micallef Decesare qegħdin jaħdmu ma' kompetituri tagħhom, l-MFCC.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Fir-rigward ta' provi dijametrikalment opposti għal xulxin prodotti mill-attur u mis-soċjetà konvenuta u l-apprezzament dwar dawn il-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[36]

[36] Ara **Caruana *vs.* Laurenti**, P.A., 08. 04.1994; **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981; **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** A.K.,25.02.1952.

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Kif ingħad:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[37]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell[38] fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe. vs*. Victor Sammut** irriteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawza għandu jiġi esaminat liema waħda mit-tezijiet konfilinġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li alllura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema

[37] **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, Qorti Ċivili, 24.11.1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[38] 02.06.2003.

> verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."[39]

Illi l-partijiet f'din il-kawża ippreżentaw żewġ verżjonijiet konfliġġenti għar-rigward ta' x'kien eżattament il-ftehim ta' bejniethom u l-mod kif dan ġie eżegwit. Il-verżjoni tal-attur hi ikkonfortata u ikkorraborata mix-xhieda tal-ex impjegati ta' MKIC Limited li kienet inkarigat lis-soċjetà konvenuta sabiex torganizzalha l-Fiera l-Kbira f'Montekristo Estates. Pierre Fenech li kien *managing director* ta' MKIC Limited jikkonferma diversi drabi li l-attur u Bartoli kienu leħqu t-*targets* li kienu ngħatawlhom billi biegħu l-*floor space* kollu tal-fiera lill-eżebituri kif miftiehem u anzi biegħu aktar, tant li kellhom ikabbru l-ispazju tal-*area* ta' Montekristo għal din il-fiera. Filwaqt li s-soċjetà konvenuta permezz tad-direttur tagħha tipprova titfa' tort fuq nuqqasijiet tal-attur li irrekaw danni lilha prinċipalment bit-telf tal-kuntratt ma' Montekristo Estates u dan minħabba li dan ma riedx jgħaddilhom il-kuntratti li kellhom mal-eżebituri fil-fiera. Għal kuntrarju Pierre Fenech xehed illi l-problema mas-soċjetà konvenuta inħolqot minħabba li l-*projections* tal-*management* tas-soċjetà konvenuta dwar profitti ma intlaħqux. Fenech isostni li dan ma kien jirrifletti xejn ħażin fuq l-attur li xogħlu kien relatat ma' *sales,* u li flimkien ma' Bartoli, it-*targets* tas-*sales* kienu ġew milħuqa. Apparti minhekk, l-ex *financial controller* ta' MKIC Limited Stephanie Azzopardi xehdet saħansitra[40] li meta fl-aħħar sabu li kellhom xi kuntratti neqsin, MKIC ġabet dawn il-kuntratti mingħand Luke Gatt ta' EXPO[41] u spiċċaw ġabru kollox. B'hekk ġiet imxejna għal kollox l-allegazzjoni prinċipali li għamel Luke Gatt fil-konfront tal-attur u li suppost wasslet għat-telf tal-kuntratt ma' Montekristo Estates, 'il għaliex mix-

[39] *Vide* ukoll P.A., 09.12.2011 **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***
[40] *A fol.* 65.
[41] *A fol. 65*.

xhieda ta' Stephanie Azzopardi jirriżulta li mhux minnu li l-attur ma kienx għadda xi kuntratt lil Luke Gatt 'il għaliex MKIC u EXPO bejniethom kellhom f'idejhom il-kuntratti kollha. Apparti dan, meta is-soċjetà konvenuta keċċiet lill-attur, Eric Bartoli kien għadu fl-impjieg magħha u kellu l-kuntratti kollha f'erba' files, li meta rriżenja mill-impjieg hu stess kien għaddiehom lil Luke Gatt.

Luke Gatt u Ruben Caruana ippruvaw jitfgħu dubji fuq l-attur imma dawn it-tentattivi tagħhom ftit li xejn jikkonvinċu lill-Qorti. Luke Gatt iwaħħal fl-attur għall-għoti ta' *discounts* minn wara dahru meta *semmai* kien l-impjegat l-ieħor Eric Bartoli, li wara kollox tħallas l-ammont kollu ta' kummissjoni dovuta lilu, li kien ħa f'idejh ir-responsabbiltà minħabba l-esperjenza li kellu fuq dawn it-tip ta' *sales,* li jingħataw *discounts* lil ċertu eżebituri biex jirnexxilhom jiġbduhom lejn il-fiera. Eric Bartoli fix-xhieda tiegħu jgħid li dawn id-*discounts* kienu jingħataw fil-limiti tar-rati prefissi li *del resto* kienu jafu bihom kemm MKIC Limited u kemm is-soċjetà konvenuta, jiġifieri bejn €50 u €70 kull metru kwadru.

Luke Gatt fix-xhieda tiegħu jagħmel riferiment għal abbozzi ta' kuntratti li suppost kellhom emendi fuqhom miktuba mill-attur u Eric Bartoli u li però ma ġewx eżebiti. Ruben Caruana, li ġie deskritt minn Pierre Fenech bħala l-konsulent ta' Luke Gatt, isemmi xi ftit inċidenti bħal meta jsemmi l-episodju fejn l-attur qabbad lil tal-MFCC u jidher li dan tellef xi xogħol li seta' jsir mix-xhud. Ħafna minn dawn l-asserzjonijiet kemm ta' Luke Gatt u ta' Ruben Caruana, apparti li ftit li xejn huma kredibbli, lanqas ġew ippruvati.

Illi hu risaput li l-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi iżda ukoll abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li min qed jallega jrid jipprova dak li qed jallega ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li l-attur irid għalhekk jipprova t-talbiet tiegħu, is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha għandha tissostanza l-allegazzjonijiet li għamlet in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħha, xi ħaġa li evidentement ma għamlitx.

Illi hemm aspett ieħor li jikkonforta lill-attur u ċjoè li l-ftehim li ġie eżebit minnu[42] u li bħalu kellu ftehim identiku l-impjegat ieħor Eric Bartoli[43], jgħid ċar u tond kif kellha tinħadem il-kummissjoni. Il-ftehim jgħid illi "*The employee shall be entitled to a commission scale on net value on turnover related to floor space... as follows: ...".* Fl-ewwel lok l-imsemmi ftehim ma kienx jagħmel riferiment għal xi target minimu li kellu jintleħaq bħala ammont ta' *sales*. L-iskala ta' *sales* marbuta mal-perċentwali ta' kif tinħadem il-*commission* huma idettaljati biżżejjed, iżda ħaġa kruċjali bħalma huwa t-tragward minimu ta' bejgħ ma tniżżlitx fl-imsemmi ftehim u bl-istess mod il-ftehim lanqas jispeċifika kif dan il-bejgħ kellu jinqasam bejn l-attur u Eric Bartoli. Terġa' u tgħid Luke Gatt waqt ix-xhieda tiegħu f'mument minnhom jgħid li Eric Bartoli u Micallef Decesare "bejnithom it-tnejn kellhom jilħqu bejgħ ta' €320,000 però sal-lum m'għandi l-ebda prova li dan it-*target* intleħaq"[44] meta dan seta' faċilment jiġi ikkonstatat mill-*accounting system* ta' MKIC, u fl-istess nifs jgħid li l-attur ma leħaqx il-kwota tiegħu.

---

[42] *A fol.* 5.
[43] A fol. 30.
[44] *A fol.* 119.

Illi l-Artikolu 1002 tal-Kap. 16 jipprovdi li *pacta sunt servanda*:

> "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."

Illi f'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Vella *noe. et. vs.* Joseph Abela *noe. et.***,[45] intqal dan li ġej:

> "Meta l-kliem tal-att huma ċari l-interpretu għandu joqgħod għal dan il-kliem u mhux jirrikorri għall-konġetturi ... Però fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mogħti li jiswa imma hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti l-kliem is-sens ordinarju tiegħu, fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti, li għandu joqgħod. Jekk għall-ġudikant id-diċitura użata ma tistax ma twassalx oġġettivament għal sens ċar u univoku hu dan is-sens illi għandu jfisser il-volontà espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taħt eżami. Hu biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jiġi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Gemma Fenech *vs.* John Bugeja** ġie ritenut illi:

> "Tajjeb li jiġi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi hu paċifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-diċitura tal-kuntratt tkun waħda ċara allura ma huwiex leċitu għall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindaħal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan kif jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16."[46]

Illi l-Artikolu 1003 tal-Kap. 16 jgħid li meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet. Għalhekk

[45] Q.A., 14.01.2002.
[46] Q.A., 20.10.2003.

hija konsentita l-interpretazzjoni biss jekk mill-kumpless tal-kuntratt innifsu jkun jidher ovvju li l-partijiet ma jkunux riedu tabilħaqq ifissru dak li kitbu. Imma, min-naħa l-oħra, meta l-kontraenti jkunu taw espressjoni bil-kitba tal-volontà tagħhom, l-ebda inġerenza mhi tollerabbli biex timla l-*lacuna* ta' dak li wieħed mill-kontraenti seta' kellu *in forma mentis* iżda li b'danakollu ma ġietx ukoll hekk minnu espressa. (sentenza fl-ismijiet **Paul Camilleri *et. vs.* Joseph Glanville *et. noe. et.***)[47].

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Clementino Caruana *et vs.* Emmanuela Agius**[48] intqal ukoll:

> "L-ewwel regola fondamentali tal-interpretazzjoni hi dik dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Ċivili li tgħid li meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni. (Vol XXXIV p1 p27). L-interpretazzjoni għandha biss tittieħed mill-att stess, u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relativa għall-kwistjoni prinċipali **(Vol XXXI.i.49)**.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Lay Lay Company Limited vs. L-Għajn Construction Company Limited**[49], ingħad:

> "Hawhekk opportun li jiġu ribaditi ċerti prinċipji regolanti materji ta' kuntratti –
>
> i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodiċi Ċivili; **Carmelo Bajada *noe. vs.* Fr. S. Cachia *et. noe.*** (A.K. deċiż 16 ta' Lulju, 1973);
>
> ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Ċivili li

[47] P.A., 28.04.2003.
[48] App. Inf., 22.11.2002.
[49] Q.A., 28.06.2011.

jgħid li meta l-kliem tal-kuntratt meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar m'hemmx lok għal interpretazzjoni **(Vol.XXXIV.i.p27).** L-interpretazzjoni għandha tittieħed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva għall-kwistjoni prinċipali.

iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher ċar mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola għandha tiġi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirriżulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jiġi interpretat b'mod univoku għax hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien (**J. Bartolo *et. vs.* A. Petroni** deċiża 7 ta' Ottubru, 1997)".

iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa, imma dak li huwa importanti "hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot" (**J. Zammit *v.* Michael Zammit Tabone *et. noe.*** – Appell Superjuri deċiż 28 ta' Frar, 1997)."[50]

Din il-Qorti ma tarax li dan il-ftehim kien b'xi mod ekwivoku fil-parti ta' kif kellha tiġi ikkalkulata l-kummissjoni. Veru li dan il-ftehim kien wieħed preliminari għar-rigward tal-impjieg. Però din il-kawża ma tittrattax il-kuntratt tal-impjieg *per se* jew it-terminazzjoni tiegħu u għalhekk kien jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta li qed tattakka dak li hemm fih, li ġġib provi li kien żdied xi ftehim ieħor miegħu, li kellu importanza kruċjali fit-tħaddim u fil-kalkolu tal-kummissjoni u li kellha tikkonvinċi lil din il-Qorti li kien hemm xi raġuni valida

[50] *Vide* ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Catania & Sons Ltd. v*s.* Joseph Lautier *et*** deċiża 15.02.2017.

għax ma ddaħħalx f'dan il-ftehim preliminari. Ħaġa li ċertament is-soċjetà konvenuta ma għamlitx.

Illi hemm fattur ieħor li għandu jingħata qies tiegħu, u ċjoè li Luke Gatt ħallas il-*commission* lil Eric Bartoli li ġiet ikkalkulata fuq nofs id-dħul mis-sales, wara li jitnaqqsu d-*discounts* u l-ħlasijiet dovuta li baqgħu ma sarux, li kienu jammontaw għal €276,480 qabel ma tiġi miżjuda 18% VAT, u mhux fuq 70% tal-ammont tas-*sales* li saru bil-ħila ta' Bartoli. B'dan il-mod is-soċjetà konvenuta ikkonfermat indirettament li l-arranġament li kien jeżisti ma' Eric Bartoli u mal-attur kien li l-*commission* tinqasam nofs bin-nofs bejniethom, indipendentement mill-ammont ta' *sales* li jagħmel wieħed jew l-ieħor.

Illi qabel ma tqis jekk l-attur irnexxielux jipprova li effettivament kellu jitħallas kummissjoni skont il-ftehim tas-16 ta' Jannar, 2014, il-Qorti għandha qabel xejn tiddetermina l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta fid-dawl tal-provi li ġew imressqa mill-partijiet.

Illi kwantu għall-ewwel eċċezzjoni li l-ftehim tas-16 ta' Jannar, 2014 kien biss abbozz u mhux ftehim u għalhekk il-kawża hija intempestiva għax il-kuntratt tax-xogħol qatt ma ġie sottoskritt mill-partijiet, tqis illi l-ftehim tas-16 ta' Jannar, 2014 kien wieħed li jorbot lill-partijiet għad li kien hemm l-intendiment li eventwalment isir kuntratt iżjed definittiv. Tant kemm kien jorbot il-ftehim tas-16 ta' Jannar, 2014 illi mill-provi prodotti jirriżulta li permezz ta' dan il-ftehim is-soċjetà konvenuta ingaġġjat fl-impjieg magħha lill-attur. Dan huwa ikkonfermat mid-dokumenti eżebiti in atti, fosthom l-FS3 tat-Taxxi Interni u l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur, li juru bl-aktar mod ċar li abbażi tal-imsemmi ftehim is-soċjetà konvenuta impjegat lill-attur u

huwa biss f'din l-ewwel eċċezzjoni tagħha li issa s-soċjetà konvenuta qed tittenta taħrab mill-obbligi tagħha billi tgħid li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet imma biss abbozz ta' skrittura. Li l-iskrittura tas-16 ta' Jannar, 2014 ma kinitx sempliċi abbozz imma ftehim li jorbot lill-partijiet dwar il-kummissjonijiet fuq il-bejgħ li jsir, huwa ikkonfermat mill-fatt li Eric Bartoli effettivament tħallas sehmu mill-kummissjoni eżatt skont ftehim identiku li huwa kellu mas-soċjetà konvenuta.

Illi s-soċjetà konvenuta teċċepixxi wkoll illi l-kliem fl-iskrittura tal-14 ta' Jannar, 2014 *"A full employment contract shall be presented by Wednesday 22nd. January, 2014",* ifisser li kien hemm kundizzjoni sospensiva li ma ġietx fis-seħħ minħabba nuqqas tal-attur.

Tqis fl-ewwel lok li Luke Gatt fl-affidavit tiegħu[51] jgħid li hu bagħat abbozz tal-kuntratt definittiv lil Eric Bartoli biss u dan ftit xhur wara l-iskrittura tas-16 ta' Jannar, 2016, meta suppost dan kellu jsir sitt ijiem wara l-ewwel ftehim preliminari tas-16 ta' Jannar, 2014. Il-Qorti diġà ippronunzjat ruħha illi kwantu għall-verżjonijiet kunfliġġenti tal-partijiet dwar il-fatti, tqis illi dik tal-attur hija aktar kredibbli u attendibbli. L-attur fil-fatt jgħid li Luke Gatt ma għamel l-ebda tentattiv biex isir miegħu l-isemmi ftehim definittiv.

Tqis barraminhekk illi bil-mod kif il-kundizzjoni sospensiva hi definita fl-artikolu 1063 tal-Kodiċi Ċivili,[52] il-Qorti ma tistax tifhem kif is-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi li l-ftehim tas-16 ta' Jannar, 2014 kien għadu

[51] *A fol.* 118 tal-proċess.
[52] "(1) Il-kondizzjoni suspensiva hija dik illi tagħmel l-eżistenza tal-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja li għad trid tiġri u li mhix żgura. (2) L-obbligazzjoni taħt kondizzjoni suspensiva ma teżistix qabel ma l-ġrajja tiġri."

ma ġiex fis-seħħ meta proprju dan il-ftehim sar kif ammess minn Luke Gatt fix-xhieda tiegħu, proprju biex l-attur ikun jista' jagħti n-*notice* lil min kien qed jimpjegah dak iż-żmien u jkun jista' jinbeda x-xogħol fuq il-Fiera l-Kbira. Is-silta mill-ftehim tas-16 ta' Jannar, 2014 ikkwotata mis-soċjetà konvenuta issemmi li "*this is only a draft contract promising employment and a full employment contract shall be presented by Wednesday 22nd January, 2014".* Iżda effettivament l-attur kien xorta waħda ġie ingaġġjat bħala impjegat tas-soċjetà konvenuta u dan jirriżulta ampjament mill-provi. Ġaladarba l-attur u Eric Bartoli wettqu x-xogħol kif miftihem fl-iskrittura tas-16 ta' Jannar, 2014 fejn kien hemm stipulat kif kellhom jitħallsu l-kummissjonijiet, il-kliem "*this is only a draft contract promising employment and a full employment contract shall be presented by Wednesday 22nd January, 2014"* ma kienux jissospendu l-ħlas tal-kummissjonijiet. *Semmai* l-aktar l-aktar li jista' jiġi argumentat li kien hemm sospensjoni sat-22 ta' Jannar, 2014. Ladarba sa dik id-data l-attur ma ġiex ippreżentat b'*"a full employment contract"* minn min kien qed jimpjegah, ċjoè is-soċjetà konvenuta, u kienu saru s-*sales* skont il-ftehim tas-16 ta' Jannar, 2014, hekk kif l-attur u Eric Bartoli żammew mal-pattijiet u kundizzjonijiet kollha ta' dan il-ftehim, imma s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tagħżel li tosserva l-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-ftehim b'mod selettiv u ċjoè għal dawk li huma s-salarji tal-attur u ta' Eric Bartoli iva, imma għal dak li huwa ħlas ta' *commission* fil-każ ta' Eric Bartoli iva u fil-każ tal-attur le.

Illi kwantu għat-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li ebda kummissjoni ma kienet dovuta għax ma ntleħqitx il-mira tas-*sales* kif miftehma bejn il-partijiet, din il-Qorti diġà ippronunzjat ruħha fis-sens li l-verżjoni tas-soċjetà konvenuta mhijiex kredibbli u għalhekk għandu japplika l-ftehim tas-16 ta' Jannar, 2014.

Fl-aħħarnett is-soċjetà konvenuta fir-raba' eċċezzjoni tagħha teċċepixxi li m'għandha tagħti xejn lill-attur imma *semmai* huwa l-istess attur li għandu jagħti lill-esponenti somma ta' flus rappreżentanti kumpens għad-danni kollha minnha sofferti bħala konsegwenza tal-aġir tal-istess attur kif imfisser u mitlub permezz ta' ittra uffiċjali ippreżentata kontestwalment[53] mar-Risposta Maħlufa tagħha u fir-rigward ta' liema kumpens is-soċjetà konvenuta irriżervat id-drittijiet kollha tagħha.

Illi skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:

> "Il-konvenut qiegħed isostni li l-ħlas m'huwiex dovut għaliex seħħet tpaċija, tas-somma sħiħa jew ta' parti minnha. It-tpaċija hu mod kif tispiċċa obbligazzjoni (Artikolu 1145 tal-Kodiċi Ċivili). Skont l-Artikolu 1197(1) tal-Kodiċi Ċivili:-
>
> "It-tpaċija ssir biss bejn zewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.".
>
> Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Paul Abela *nomine* vs. Paul Laferla *nomine*** tat-18 ta' Mejju 1953 (Volum XXXVII.i.490) osservat:-
>
> "Il-kompensazzjoni ssir *ipso jure* u anki mingħajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor safejn ikunu ndaqs.[54] Imma l-kompensazzjoni ma tistax tiġi nvokata bħala li operat ruħha *ipso jure* għar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-oħra."
>
> L-istess qorti fil-kawża **L-avukat Dr José Herrera *nomine* vs. Victor Tabone *nomine*** deċiża fit-2 ta' Novembru 1995 reġgħet ikkonfermat li fejn il-kreditu pretiż mill-konvenut hu kontestat u dwaru jkun hemm provi konfliġġenti, m'huwiex ċert u likwidu u lanqas determinat bħala

[53] Però mill-atti ma jirriżultax li ġiet ippreżentata kopja ta' din l-ittra uffiċjali.
[54] Artikolu 1196(2) tal-Kodiċi Ċivili.

> dovut. Għalhekk f'ċirkostanzi simili ma tistax issir kompensazzjoni permezz ta' eċċezzjoni."[55]

Illi dan ir-raġunament għandu japplika doppjament għal każ odjern fejn mhux biss l-elementi rikjesti għal tpaċija ma jeżistux iżda hawnhekk ma saret ebda kontro-talba mis-soċjetà konvenuta.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta qegħdin jiġu miċħuda u tqis għalhekk li l-attur irnexxielu jipprova sal-grad probatorju rikjest mil-liġi li huwa kellu effettivament jitħallas il-kummissjoni kif stipulata fl-iskrittura tas-16 ta' Jannar, 2014. Abbażi tal-volum ta' *sales* li saru mill-attur u minn Eric Bartoli, wara li jitnaqqsu d-*discounts* u l-ħlasijiet li baqgħu ma sarux u, l-attur wasal għas-somma ta' €276,095.15 biex fuqha tinħadem l-iskala ta' kummissjonijiet stipulata fl-iskrittura tas-16 ta' Jannar, 2014.

L-attur qiegħed għalhekk jitlob il-ħlas tas-somma ta' €11,862.54 jew somma verjuri ikkalkulata skont l-iskala stipulata fl-iskrittura tas-16 ta' Jannar, 2014. It-terminu 'verjuri', mit-Taljan '*veriore*'[56], fit-terminoloġija ġuridika Taljana b'mod ġenerali jitqies li qed jagħmel riferiment għal somma ogħla jew superjuri għas-somma indikata.[57] Mill-*audited accounts* tas-soċjetà MKIC Limited[58], jirriżulta wara t-tnaqqis kollu li kellu jsir, jirriżulta li d-dħul mill-bejgħ

[55] **Middlesea Insurance plc *vs.* Raymond Avallone**, P.A., 25.11.2013.
[56] *Veriore - nella terminologia giuridica generalmente "superiore", "maggiore", "più elevato". Ad es. "pagare in solido allo stesso, a titolo di risarcimento danni, la somma di € X o quella veriore somma liquidanda dal Tribunale". Dal latino "più vero" ossia, ad esempio, nelle coerenze presenti negli atti di compravendita, "salvo veriori od aventi causa". (Wikizionario - Il dizionario libero).*
[57] *Vide* deċiżjoni ta' din l-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Paul Abela *vs.* Emmanuel Delicata & Sons Limited *et*** datata 06.05.2015.
[58] Ara in-nota 26 *in calce* u dokument SAA2 *a fol. 94* tal-proċess.

kien ta' <u>€276,480</u> u mhux €276,095.15. Inoltre l-avukat difensur tas-soċjetà konvenuta waqt it-trattazzjoni finali saħaq li *semmai* l-ammont ta' *sales* għandhom ikunu dawk *audited* mis-soċjetà MKIC Limited u mhux dawk maħduma mill-attur u minn Eric Bartoli. Għaldaqstant hu abbażi ta' dan il-volum ta' *sales* li ser jiġi ikkalkolat l-ammont tal-*commissions* dovuta lill-attur skont lis-skala stipulata fl-iskrittura tas-16 ta' Jannar, 2014 miżjuda l-VAT bit-18%: €100,000 bit-2.5% = €2,500, €99,999 bit-3.75% = €3,750 u €76,480 bil-5% = €3,824 għal total ta' €10,074 + 18% VAT : **€11,887.32** li huwa kważi l-istess ammont li tħallas Eric Bartoli u ftit aktar mill-ammont kif ikkalkulat mill-attur.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta Expo Events Limited;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur Gunther Micallef Decesare u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' ħdax-il elf, tmien mija u seba' u tmenin Euro u 32 ċenteżmu (€11,887.32);**

3. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' ħdax-il elf, tmien mija u seba' u tmenin Euro u 32 ċenteżmu (€11,887.32).**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali fuq is-somma ta' €11,862.54 mill-31 ta' Lulju, 2014 u bl-imgħax kummerċjali fuq il-bilanċ rimanenti mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

Moqrija.